Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## Laqgħa Nru. 25

Data: 19 ta' Settembru 2016

Ħin: 4.00pm

Post: Fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | ***Dr. Ian Spiteri –*** | ***Sindku*** |
| | ***Andre Grech –*** | ***Viċi Sindku*** |
| | ***Desmond Zammit Marmara –*** | ***Kunsillier*** |
| | ***Daniel Muscat-*** | ***Kunsillier*** |
| | ***Joe Galea-*** | ***Kunsillier*** |
| | **Mark Mallia–** | **Agent *Segretarju Eżekuttiv*** |

Skużati:

Assenti:

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajjma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Rapport mill-Kunsillier Joe Galea fuq il-problema tal-ħamiem
6. Laqgħa mas-Sur Julian Zarb
7. Komunikazzjoni tal-Kunsilliera
8. Approvazzjoni ta' Pagamenti
9. Aġġornament.

## 1 Qari u approvazzjoni ta' Minuti

**1.1.** Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Erbgħa u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**1.2** Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Zammit Marmara ġibed l-attenzioni tas-Segretarju peress li d-data kienet imnizzla ħazina. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2 Punti mqajjma mill-Minuti

**2.1** Ma kien hemm ebda punti mqajjma.

## 3. Komunikazzjoni tas-Sindku

**3.1** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li fir-rigward tax-xogħolijiet strutturali fuq il-post il-ġdid tal-Kunsill tlestew u issa huwa bagħat għal dawk li huma interessati li jagħmlu x-xogħol tad-dawl u l-ilma biex jagħtu l-istima tagħhom. Huwa qal li kif kulħadd ġie nfurmat u ftehmna, huwa ser imur għall-inqas offerta.

**3.2** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri qal li saret laqgħa fuq fondi ta' finanzjament għal proġetti kapitali. Waqt din il-laqgħa ġie suġġerit biex kunsilli żgħar jingħaqdu bejniethom ħalli jkun hemm aktar ċans li jingħataw fondi sostanzjali għal dawn il-proġetti.

**3.3** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri qal li rċieva żewġ ilmenti fejn ta' kuljum qed jirċievi telefonati fuq karozzi pparkjati rregolarment fi Pjazza Annuzjata u anke fi Triq Il-Wied. Il-wardens qed ikunu nfurmati biex jinfurzaw b'mod kontinwu u ser jiġi assigurat li x-xogħol isir sew mill-wardens.

**3.3.1** Il-Kunsillier Zammit Marmara qal li b'rabta ma’ din il-problema huwa kien qed jissuġġerixxi li ssir pressjoni ma' l-awtoritajiet biex l-għassa terġa tibda tinfetaħ b'mod regolari.

**3.4** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri ġie avviċinat mis-Sinjura Callus li toqgħod fi Triq it-Tlett Knejjes quddiem ir-Rogolin fejn il-parking bay eżistenti qed timblukkalha l-aċċess għad-dar. Hija talbitu li jsir xi ħaġa biex ma jinħoloqx dan l-inkonvenjent iżjed. Il-Kunsill ser ineħħi din il-parking bay u ssir kaxxa safra.

**3.5** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri tkellem fuq il-proposta li bgħatu lilu l-MEPA fuq it-tibdil tal-*alignment* tat-triq fi Vjal De Paule wara li saret applikazzjoni magħhom. Dan ifisser li jekk tiġi approvata, il-*front gardens* li jinsabu mal-propjetajiet ser iwasslu biex jitneħħew minn hemm u tiżdied l-area tal-bini. Il-Kunsillier Daniel Muscat ser jara fid-dettal eżattament x'inhi din it-talba u minn hemm il-Kunsill jifformula l-oġġezzjoni tiegħu għal dan it-tibdil.

## 4. Korrispondenza u Ilmenti

**4.1** Ittra Nru **6011**: Email mingħand il-Perit Vella fejn quddiem dar nru 69, ir-residenti ta' din il-propjeta qed jitolbu li ssir bankina minħabba s-saħħa u s-sigurta’ tagħhom. Il-Kunsill għar-raġuni li t-triq hija dejqa ser jitlob għal parir tekniku mingħand Transport Malta għaliex jekk ser issir din il-bankina, din tista toħloq periklu għas-sewwieqa ġejjin min Triq Birbal.

**4.2** Ittra Nru. **6002**: Cirkulari Nru 16/2016-DLG: Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

**4.3** Ittra Nru **6003**: Cirkulari Nru 17/2016-DLG: Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsilleri

**4.4** Ittra Nru **6007**: Email mingħand ir-Regjun Ċentru fejn qed jikkwotaw ir-rati biex isiru korsijiet tal-ħaddiema biex jitħarrġu fil-health and safety skont id-direzzjonijiet tal-OHSA. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jikteb lura fejn jinfurmahom li bħala Kunsill m’aħniex f'pożizzjoni finanzjarja li jħallas hu għal dawn il-korsijiet u qed jitlob li l-ispejjeż jiġu koperti mir-Reġjun.

**4.5** Ittra Nru **6010**: Talba mingħand Mallia & Sons Drapes showroom biex issir quddiem ix-showroom loading/ unloading bay. Il-Kunsill ma approvax.

**4.6** Ilment Nru. **0201600016**: Talba biex Triq Antonio Bosio u Triq L-Gherusija ssir residential parking. Din it-talba ma tistax tintlaqa' sakemm il-policy tinbidel mill-Gvern Ċentrali.

**4.7** Ilment Nru. **201600019**: Ilment li fi Triq Il-Mitħna saret rampa mingħajr permess. Il-Kunsill ser jara li din titneħħa.

**4.8** Dwar l-ilmenti u l-korrispondenza l-oħra li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu, il-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

## 5. Rapport mill-Kunsillier Joe Galea fuq il-problema tal-ħamiem

**5.1** Il-Kunsillier Joe Galea poġġa fuq il-mejda rapport tad-diskussjoni fuq il-problema tal-ħamiem wara li kienet saret laqgħa mar-residenti.

**5.2** Saret diskussjoni bejn il-kunsilliera u jidher li l-kunsill qed jaqbel fil-prinċipju mas-suġġerimenti li ressqu r-residenti biex tiġi indirizzata din il-problema mingħajr ma jiġu maħqura l-ħamiem. Fix-xhur li ġejjin il-Kunsill ser jara x'jista' jattwa minn dawn il-proposti.

## 6 Laqgħa mas-Sur Julian Zarb

**6.1** Il-Kunsillier D. Zammit Marmara infurma lill-Kunsill li s-Sur Zarb ma setgħax jattendi minħabba impenji ta' xogħol u kien qed jissuġġerixxi li niltaqgħu miegħu fis-17 ta' Ottubru 2016.

## 7 Komunikazzjoni mill-Kunsillier

**7.1** Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li jsir iż-żbir tas-siġar li jinsabu fi Triq Il-Kbira. Il-Kunsill ser ikellem lill-kuntrattur biex isir ix-xogħol.

**7.2** Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara tkellem fuq il-problema ta' xi tip ta' għasafar li jinsabu fi djar privati fejn dawn jagħmlu ħafna ħsejjes u huma ta' inkonvenjent. Huwa semma wkoll il-problema tan-noise pollution u hemm bżonn ta' aktar infurzar.

**7.3** Il-Kunsillier Joe Galea talab li fis-sit ta' kostruzzjoni 'Chamonix' fi Triq il-Ferrovija l-Qadima meta ser ikun hemm crane ghandu jkun hemm il-wardens preżenti.

**7,4** Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li r-rampa llegali li tinsab fi Triq Qarcilla ser titneħħa.

**7.5** Il-Kunsillier Joe Galea poġġa fuq il-mejda tal-kamra xi kwotazzjonijiet għat-tindif tal-culverts fi Triq Il-Wied li kienu € 996 sottomessa minn Saviour Mifsud u l-ammont ta' € 1180 mibgħuta minn Dimbros. Il-Kunsill għazel l-irħas offerta ta' Saviour Mifsud.

**7.6** Il-Viċi Sindku Andre Grech infurma lill-Kunsill li fi Triq it-Tlett Knejjes f'sit ta' kostruzzjoni qed isiru xogħolijiet mingħajr permess tal-Kunsill.

**7.7** Il-Viċi Sindku Andre Grech ressaq ilment li fi Triq Birbal hemm problema ta' drenaġġ. Huwa ġie mgħarraf li din il-problema ġiet indirizzat mid-drainage department.

**7.8** Il-Viċi Sindku Andre Grech infurma lill-Kunsill li ser ikollu laqgħa ma' Roberta Metsola fuq fondi għal proġetti li jistgħu jinġiebu mill-Unjoni Ewropeja.

**7.9** Il-Viċi Sindku Andre Grech tkellem fuq il-laqgħa li kellu mas-Sur Debono mill-Ministeru tat-Turizmu fuq li tingħata l-latrina lill-privat fejn fosthom ġie stabbilit li dik l-art tgħajjat lill-Lands Department u li filwaqt li din ser tiġi mmodernizzata, huwa assigurana li mhux ser tiġi imposta tariffa għal min ikun jixtieq juża l-latrina. L-iskop ta' din il-laqgħa kienet biex aħna bħala Kunsill nikkoperaw flimkien fejn qed tingħata l-possibilita’ li jekk il-quddiem il-Kunsill ikun ser iwettaq xi proġett f'dak is-sit dan ikun jista’ jsir basta jkun hemm taħdidiet mal-kuntrattur privat li jkun qed jopera l-latrina.

**7.10** Il-Kunsillier Daniel Muscat ressaq talba ta' resident biex fi Triq Guze Bonnici ssir M/C bay. Il-Kunsill ser jara tistax issir u filkaz issir l-applikazzjoni ma’ Transport Malta.

**7.11** Il-Kunsillier Daniel Muscat talab biex inġibu kwotazzjonijiet għal pubblikazzjoni tan-newsletter. Il-Kunsill approva.

**7.12** Il-Kunsillier Daniel Muscat tkellem fuq it-tiżjin li ser isir fit-toroq tar-raħal fejn apparti li hemm vvutati € 500 għal dan, huwa ser jipprova jkellem lis-sidien tal-ħwienet biex jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

7.13 Il-Kunsillier Daniel Muscat staqsa jekk għadux fis-seħħ l-Ambaxxiatur tal-Kunsill. Is-Segretarju wieġeb li ilha ma ssir talba lill-Kunsill biex naħtru wieħed.

7.14 Il-Kunsillier Daniel Muscat talab li jsir xi patching fi Triq Dr. Zammit Street fejn Borg Cardona.

7.15 Il-Kunsillier Daniel Muscat talab li bozza maqtugħa li tinsab fi Triq Dr. Zammit tiġi rranġata.

## 8. Approvazzjoni tal-pagamenti

**7.1** Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tad-19 ta' Settembru 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 14,858.98. L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre' Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 9. Aġġornament tal-Laqgħa

**8.1** Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il- Ħamis, 20 ta' Ottubru 2016 fl-16.30pm

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data